MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Numru 96/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Morgan Azzopardi**

**V**

**NORMAN GALEA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NORMAN GALEA** ta' disgha w ghoxrin sena bin il-mejtin Francis u Annunziata nee Deguara imwieled Pieta nhar l-hmistax ta' Settembru 1974 u residenti 'Sardinella', Triq r-Rattan, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita numru 440274M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli f'xi hin bil-lejl bejn t-tlettax u l-erbatax ta' Dicembru 2003 fil-Mellieha, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot 106 ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni BBK 521 ghad-dannu ta' John

Borg mill-Mellieha, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Talli fit-tlieta ta' Frar 2004 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Peugeot 106 ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni BBK 521 meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta kontra r-riskji ta' terzi persuni; u
3. Talli fil-perjodu ta' bejn l-erbatax ta' Dicembru 2003 w it-tlieta ta' Frar 2004 f'dawn il-Gzejjer, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jw immobbli u cioe fil-vettura tal-ghamla Peugeot 106 ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni BBK 521 liema hsara ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin imma hija izjed minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' John Borg mill-Mellieha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta' Frar 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena il-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi segwenti:

Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-istqarrija esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 2.

Rat wkoll li l-imputat ghandu fedina penali netta bla ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha.

Rat li r-res furtiva llum il-gurnata giet ritornata lura lil sidha legittimu.

Rat li s-socjeta b'hekk ma sofriet ebda danni materjali.

Rat li l-imputat huwa lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat minnu kagjonati.

Ghalhekk f'dan ic-cirkostanzi l-Qorti ma thossx li piena karcerarja hija l-piena idoneja.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261(a)(b)( c), 267, 273, 274, 325(b) tal-Kap 9 u artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, **Il-Qorti tiddikjara li ssib l-istess imputat NORMAN GALEA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu u tikkundannah ghal piena ta' tmintax il-xahar habs sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------